32005D0126

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-11 ta' Frar 2005

dwar it-tkomplija fis-sena 2005 ta' provi u testijiet komparattivi tal-Komunità fuq il-materjal ta' propagazzjoni ta' pjanti ornamentali ta' ċerti speċi skond id-Direttiva tal-Kunsill 98/56/KE mibdija fl-2003

(2005/126/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 98/56/KE ta' l-20 ta' Lulju 1998 dwar it-tqegħid fis-suq taż-żerriegħa tal-pitravi [1],

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/744/KE tal-5 ta' Settembru 2002 li tistabbilixxi l-arranġamenti għal provi u testijiet komparattivi tal-Komunità fuq il-materjal ta' propagazzjoni tal-pjanti ornamentali skond id-direttiva tal-Kunsill 98/56/KE [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni 2002/744/KE tistabbilixxi l-arranġamenti għall-provi u t-testijiet li għandhom jitwettqu skond id-Direttiva 98/56/KE fir-rigward ta' *Chamaecyparis, Ligustrum vulgare* u *Euphorbia fulgens* mill-2003-2005.

(2) It-testijiet u l-provi mwettqa fl-2003 u l-2004 għandhom jissoktaw fl-2005.

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

Artikolu Uniku

Provi u testijiet komparattivi tal-Komunità li bdew fl-2003 fuq il-materjal ta' propagazzjoni ta' *Chamaecyparis, Ligustrum vulgare* u *Euphorbia fulgens* għandhom jissoktaw fl-2005 b'konformità mad-Deċiżjoni 2002/744/KE.

Magħmula fi Brussel, fil-11 ta' Frar 2005.

Għall-Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 226, tat-13 8.1998, p. 16. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2003/61/KE (ĠU L tat-3.7, 3.7.2003, p. 23).

[2] ĠU L 240, tas-7.9.2002, p. 63.